MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 14/2012

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Joseph Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant detentur tal-karta tal-identita` numru 293553(M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-1 ta' Ottubru, 2009 f'xi hin wara nofs il-lejl, fi Triq San Bastjan, Qormi
1. saq vettura nurmu HAS 801 minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq (licenzja tal-vettura mhux imgedda);
2. saq vettura numru HAS 801 minghajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni;
3. saq vettura numru HAS 801 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta taht dik il-kategorija ghall-imsemmija vettura.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-21 ta’ Diċembru, 2011, li biha wara li rat l-artikoli 15 (1)(a) u 15(3) tal-Kap. 65 kif ukoll l-artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, rat ukoll l-artikoli 3(2)(c) u 3(2A) tal-Kap. 104, sabet lill-appellant ħati tat-tliet akkużi miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu piena ta’ priġunerija  ta’ tliet xhur.

Il-Qorti ukoll a tenur ta’ l-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 skwalifikat lill-appellant ghal zmien tnax-il xahar milli japplika ghall-licenzja tas-sewqan.

Finalment il-qorti a tenur ta’ l-artikolu 3(2)(c)(i) tal-Kap. 104 ordnat il-konfiska tal-vettura HAS 801.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-30 ta’ Dicembru, 2011, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah minnha u fin-nuqqas timponi sentenza aktar ekwa u ġusta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti u cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti peress li m’hemmx evidenza li l-appellant kien qed isuq il-vettura hawn fuq imsemmija.

Illi minghajr pregudizzju hawn fuq imsemmija s-sentenza mhix ekwa u gusta.

Ikkonsidrat

Li fis-seduta tad-19 t’April 2012, l-Avukat Ġenerali eċċepixxa n-nullita’ tal-appell minħabba li l-fatti fil-qosor ma jkoprux l-imputazzjonijiet li jidhru fiċ-ċitazzjoni.

Il-Qorti eżaminat x'qal l-appellant fir-rikors tal-appell. A fol 99 tidher is-sentenza li ġejja:

'Illi l-fatti kienu sempliċiment is-segwenti:-

Illi fil-ġurnata hawn fuq imsemmija kien hemm rapport li l-appellant kien qed isuq.'

Barra dan il-Qorti eżaminat ukoll l-affidavits esibiti a fol 2, 3 (li jkompli f'fol 4) u 56.

Mill-affidavit ta' PC 265 K Ciangura jirriżulta li l-Pulizija kienet innutat il-vettura tat-tip Fiat punto (HAS 801) li kellha l-liċenzja skaduta. L-appellant kien qal lil dan l-uffiċjal li kien qed jagħmel użu mill-karrozza biex jiġbor naqra ikel għall-klieb. L-appellant stess qal li ma kellux polza tal-assigurazzjoni.

L-affidavit ta' PS 372 J Vella qal li meta staqsa lill-appellant għal-liċenzja u għall-insurance tal-vettura, l-appellant qal li la kellu waħda u lanqas l-oħra. L-appellant qal ukoll li għal din l-aħaħr sena ma kienx qed juża l-karrozza u allura la kellu l-liċenzja tal-karozza mħallsa u lanqas l-assigurazzjoni. Huwa kien ser jixtri x'jiekol minn għand ic-Chick King u imbagħad imur id-dar.

L-affidavit ta' PC 869 K Gauci jikkonferma dak li ntqal mill-uffiċjali ta' qabel.

Mill-verbal a fol 55, jirriżulta li l-partijiet qablu li –xhieda ta' Brian Farrugia – jiġifieri li l-liċenzja tas-sewqan tal-appellant kienet revokata f'Awwissu tas-sena 2000-tgħodd li x-xhieda f'din il-kawża kellha tgħodd għal diversi kawżi oħra.

Il-Prosekuzzjoni esibiet diversi sentenzi. (fol 55).

Wara li għarblet dan kollu, il-Qorti qed tiddeċiedi li minkejja li s-sentenza dwar il-fatti hija xi ftit lakonika, fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ partikolari, hija biżżejjed biex tissodisfa l-artikolu 419(1)(a).

Konsegwentement qed tiċħad l-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali.

**Punt ta' Liġi – il-konfiska tal-vettura**

Bħala punt ta' liġi, matul it-trattazzjoni tal-appell, id-Difiża ssottomettiet li l-konfiska tal-vettura mhix waħda tassattiva.

L-ewwelnett għandu jingħad li din il-vettura diġa' kienet ikkonfiskata f'kawża oħra bħalma ma ssottomettiet il-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti eżaminat l-artikolu 3(2)(c)(i) tal-Kap 104 li, wara li jistipula kemm għandha tkun il-multa u l-piena tal-priġunerija (li jistgħu ikunu applikati t-tnejn f'daqqa), meta r-reat ta' sewqan bla assigurazzjoni jkun sar għal tliet darbiet, jgħid hekk:

'il-qorti **għandha,** b'żieda mal-pieni ta' dan is-subparagrafu, tordna l-konfiska tal-vettura.'

Il-verb 'għandha' ( u mhux 'tista') ma jħalli ebda dubju li l-konfiska tal-vettura hija tassattiva u l-Qorti m'għandha ebda diskrezzjoni biex ma tapplikahiex. La r-reat ikun sar tliet darbiet – f'dan il-każ is-sewqan bla assigurazzjoni qabeż it-tliet darbiet – il-Qorti bilfors trid tikkonfiska l-vettura.

**L-aggravji**

L-appellant jissottometti li l-ewwel onorabbli Qorti m'għamlitx apprezzament tajjeb tal-provi. Kif dejjem irritenew il-Qrati tagħna, din il-Qorti ma tiddisturbax id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti jekk din tkun waħda li l-Qorti segħtet tasal għaliha raġonevolment u legalment.

Mill-affidavits ippreżentati u x-xhieda tas-Sur Brian Farrugia jirriżultaw it-tliet imputazzjonijiet 'il hemm minn kull dubju raġonevoli.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħed dan l-ewwel aggravju.

It-tieni aggravju huwa dwar li s-sentenza mhix waħda ekwa. Mis-sentenza jirriżulta li l-Ewwel Onorabbli Qorti għażlet il-piena ta' priġunerija minħabba li l-ammont tal-multa huwa wieħed kbir speċjalment meta hemm ir-repetizzjoni. La t-tliet xhur priġunerija u lanqas l-iskwalifika għal żmien 12-il xahar milli japplika għal-liċenzja ma huma eccessivi. Dawn qegħdin fil-parametri tal-liġi. Izda, peress li skont il-Prosekuzzjoni l-vettura HAS 801 diga' kienet ikkonfiskata fi proceduri ohrajn, il- Qorti sejra tnehhi l-konfiska ta' din il-vettura mill-piena biex ma jkun hemm piena doppja.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant, il-Qorti qed tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fl-ismijiet premessi fil-21 ta' Diċembru 2011 billi tikkonfermha fejn hija sabitu hati tat-tliet akkuzi u fejn ikkundannatu ghal piena ta' prigunerija ta' tliet xhur u skwalifikatu milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal tnax –il xahar izda qed thassarha u tirrevokha f'dik il-parti fejn ordnat il-konfiska tal-vettura HAS 801 minhabba li skont il-Prosekuzzjoni din kienet diga' giet ikkonfiskata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------